**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 484/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Stephen Borg**
**(ID 155778(M))**

**Illum: 31 ta' Ottubru, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephen Borg** ta' 34 sena, bin missier mhux magħruf u Mary Borg, imwieled l-Pieta`, fit-12 ta' Marzu 1978, residenti Nru. 25, Triq San Kostantinu, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 155778(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta` Ġunju 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Saq vettura bil-mutur u ċioe` BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047, jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Użа jew ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur, u ċioe` BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047, fit-toroq kemm il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-istess Ordinanza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tittratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'diversi sentenza tal-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'ħaż ta' sejbien ta' ħtija, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba in oltre sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti.

[1] Ara a fol. 9 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** jirriżulta illi fit-3 ta' Ġunju 2012, kienet qed issir sorveljanza quddiem ir-residenza ta' ċertu Grazio Calleja ġewwa Ħal Tarxien, fejn hemmhekk f'ħin minnhom waqfet vettura BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 u pparkjat quddiem din ir-residenza. Huwa jixhed illi minnha ħarġu ġuvni ossia l-imputat odjern u żewġ tfajliet ossia ċerta Antonella Vella li kienet ix-xufier u Charlene Cooper u hekk kif daħlu fir-residenza in kwistjoni, dawn ġew imwaqqfa u saritilhom tfittxija, li rriżultat fin-negattiv. Iżjed tard ix-xhud jikkoreġi x-xhieda tiegħu billi jgħid illi dakinhar kien qed isuq l-imputat odjern u mhux Antonella Vella. Jixhed ukoll illi minn stħarriġ li sar fuq il-post, irriżulta illi l-vettura ma kellhiex liċenzja tajba għat-triq, tant illi l-*license disc* li kien imwaħħal mal-*windscreen* kien jgħajjat lil vettura oħra. Għalhekk huwa ordna illi din tiġi meħuda ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Jixhed ukoll illi huwa kompla bl-investigazzjoni billi kellem lill-imputat odjern u rrilaxxjah mill-arrest sabiex dan jottjeni d-dokumenti dwar il-vettura. Hawnhekk l-Uffiċjal Prosekutur jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat u esebixxa l-istess stqarrija Dok. JJF 2[2], flimkien ma' żewġ sentenzi mmarkati bħala Dok. JJF u JJF 1[3].[4]

**PC 760 Christopher Saliba** jixhed illi nhar it-3 ta' Ġunju 2012 l-imputat odjern twaqqaf minn PS 579 u ftit tal-ħin wara, hu flimkien ma' PC 1213 għamlu tfittxija ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 tal-għamla BMW, fejn ma nstab xejn illegali. Madankollu l-*license disk* fuq il-vettura ma kinitx taqbel mal-istess vettura. Huwa kien informa b'dan lill-Ispettur Johann J. Fenech u l-vettura ttieħdet ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.[5]

**PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi fil-jum in kwistjoni, flimkien ma' membri oħra mill-Iskwadra kontra d-Droga, saret tfittxija fir-residenza ta' ċertu Grazio Calleja, inkluż fil-kamra tas-sodda, li skont Calleja, kien joqgħod fiha l-imputat odjern, li dakinhar kien mar fuq il-post. Ix-xhud jgħid illi din it-tfittxija saret fil-presenza tal-istess imputat, kif ukoll illi fuq xkaffa fi gwardarobba nstab bott abjad b'erbat iqratas bojod, qartas ieħor ħdejn il-bott u basket iswed li kien fih xi dokumenti bl-isem ta' Stephen Borg. Ġewwa *stereo* fuq twaletta fil-kompartiment tal-batteriji, instabu żewġt iqratas oħra bi trab abjad. F'kexxun in oltre, kien hemm xi tapp li kien fih xi traċċi.[6]

---

[2] Ara din l-istqarrija esebita a fol. 42 sa 44 tal-proċess. **PC 642 Joseph Camilleri** jixhed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, liema stqarrija ġiet rilaxxjata wara li l-imputat ingħata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx (ara a fol. 50 u 51 tal-proċess).
[3] Dawn jinsabu esebiti a fol. 36 sa 41 tal-proċess.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech a fol. 32 sa 35 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 16 u 17 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 18 u 19 tal-proċess.

**PS 579 Antoine Micallef** jixhed illi fit-3 ta' Ġunju 2012, għall-ħabta tad-9.30 a.m., saret tfittxija ġewwa *penthouse* ossia fil-fond 'Roses Flats, Triq Mikiel Calleja, Fgura limiti ta' Ħal Tarxien. Huwa jgħid illi waqt li kien fl-entratura tal-fond, daħal l-imputat odjern flimkien ma' ċerta Antonella Vella. Jgħid illi saret tfittxija fuq l-imputat u huwa nfurmah bid-drittijiet tiegħu. Sussegwentement, f'kamra tas-sodda fejn kien qed joqgħod l-istess imputat, mill-gwardarobba ġew elevati borża b'erbat iqratas u borża oħra b'qartas ieħor li kien fih trab abjad. Fl-istess gwardarobba nstabu wkoll dokumenti li kienu jgħajtu lil Stephen Borg. Fl-istess kamra nstab ukoll radju u fil-kompartiment tal-batteriji nstabu żewġt iqratas oħra bi trab abjad. Dawn ġew ilkoll elevati u mgħoddija lill-Ispettur Fenech. Jixhed ukoll illi huwa ma kienx involut fit-tfittxija li saret fil-vettura.[7]

**Brian Farrugia** in rappreżentanza ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport jixhed fis-seduta tas-7 ta' Frar 2014, illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 tal-għamla BMW 525 ta' lewn *maroon* hija reġistrata fuq Anthony Tanti għan-nom ta' *Topper Auto Dealer* u illi din kienet ilha hekk reġistrata mis-7 ta' Novembru 2011. Jgħid in oltre illi l-liċenzja tal-vettura skadiet fil-31 ta' Jannar 2012. Jgħid ukoll illi stante illi għand *autodealer* il-vettura tkun għall-bejgħ, id-*dealer* mhux obbligat illi jħallas il-liċenzja fuq il-vettura. Jgħid ukoll illi sabiex issir *Trial Run*, jeħtieġ illi fuq il-vettura titwaħħal pjanċa bil-kliem *Trial Run,* u li din tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni *block* li tkopri l-vetturi kollha li fuqha tkun ser titpoġġa l-pjanċa msemmija. Jgħid in oltre illi fuq l-istess vettura kien hemm ammont konsiderevoli ta' ċitazzjonijiet ammontanti għas-somma ta' €1778, liema ammont jindika li din kienet qed tintuża. Jgħid ukoll illi suppost din il-vettura baqgħet fix-*showroom,* illi ma kinitx assigurata biex toħroġ fit-triq u illi s-sitwazzjoni kienet għadha hekk sa dakinhar tax-xhieda tiegħu. Jgħid ukoll illi l-Awtorita` ma jkollhiex informazzjoni dwar *block insurance* u illi wieħed irid jara jekk fiż-żmien tal-każ kienx hemm *trial runs.* Seta' kien il-każ ukoll illi individwu minn jeddu jħallas assigurazzjoni fuqha bl-intendiment illi jkun ser jixtriha. Madankollu, l-Awtorita` ma tkunx notifikata b'dan qabel titħallas il-liċenzja tal-vettura, li f'dan il-każ kienet waqfet titħallas f'Jannar 2012.[8]

**L-imputat Stephen Borg** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jixhed illi dakinhar kien qiegħed fl-appartament ta' ċertu Grezzju s-Sebgħin, il-Fgura u illi hu u t-tfajla tiegħu, Antonella Vella, marru jixtrulu xi affarijiet mill-Fgura stess. Jgħid illi l-ewwel mar għall-Grezzju biex iwasslu għall-mistura, iżda dan ma niżilx u bagħathom jixtrulu xi affarijiet, marru lura, waslu l-Pulizija u qalulu li kien qed isuq il-vettura mingħajr liċenzja u polza ta' assigurazzjoni, iżda din kienet qed tinstaq mit-tfajla tiegħu, Antonella, filwaqt illi huwa kien passiġġier. Il-vettura kienet BMW 525 antika. Jgħid illi l-vettura kienet assigurata b'żewġ poloz għaliex kien għadu ma marx ineħħi l-assigurazzjoni minn fuq terz, ċertu

[7] Ara a fol. 20 u 21 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 23 sa 26 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mix-xhud a fol. 27 sa 30 tal-proċess.

wieħed Bugeja, li fuqu kienet assigurata l-vettura. Jgħid in oltre illi l-vettura kienet għadha reġistrata fuq id-*dealer*, iżda kellha polza ta' assigurazzjoni fuqu u fuq ċertu Bugeja, għalkemm ma kellhiex liċenzja. Jerġa' jgħid illi l-vettura ma kellhiex liċenzja għax ma setax jagħmlilha liċenzja, iżda kienet assigurata. Jgħid illi l-vettura kienet għadha mingħajr liċenzja sa dakinhar, tant illi ħaduhielu u baqgħet il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għaliex kellha ħafna multi. Jgħid ukoll illi huwa ma kellux kokaina.

In kontro-eżami, l-Uffiċjal Prosekutur ssuġġerixxa lill-imputat illi għalkemm dakinhar fuqu ma kinitx instabet kokaina, huwa kien stqarr illi kien ilu jabbuża d-droga kokaina, għal-liema l-imputat wieġeb "*Qabel kont niehu iva*"[9]. Mistoqsi jgħid kif kellu polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura, iżda mhux liċenzja, jgħid illi ma setgħux iħallsu l-liċenzja u mistoqsi jekk ħadlux il-prova illi l-karozza kienet assigurata, huwa jwieġeb illi kien ħadlu din il-prova u l-karozza ngħatat lura lilu. Jgħid illi huwa kien xtraha l-Ġimgħa u għamel il-polza tal-assigurazzjoni l-Ġimgħa stess, twaqqaf mill-Pulizija l-Ħadd, iżda mar għall-polza t-Tnejn stante li ma kellux flus biżżejjed. Jgħid hekk: "*Imma l-insurance kienet imhallsa ghax ma kellix flus bizzejjed u mort tajthomlu t-Tnejn u tahieli l-insurance*"[10] u wara jżid jgħid illi kien ħallas nofs għax ma kellux biżżejjed flus. Skont hu, xorta waħda ħarġulu l-polza l-Ġimgħa, għalkemm ma kellux il-karti kolha f'idejh, ħlief biċċa karta. Dwar id-droga, huwa jgħid illi lil Grezzju kienu sabulu xi affarijiet, iżda dan qal li kienu tiegħu. Jgħid in oltre illi ma kinux tiegħu u illi lill-Ispettur huwa qallu li qabel kien jieħu d-droga, "*Sitt snin qabel*"[11].

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, fejn ġie vverbalizzat hekk:

> "Id-difiza tissottometti illi fil-konfront tat-tielet akkuza qed tqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni peress illi jirrizulta li l-imputat gie notifikat sitt xhur wara l-akkadut u dan a tenur tal-Artikolu 3 2 (b) (iii) tal-Kap. 104."

Fir-rigward il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet ser tirregola ruħha.

L-artikolu tal-liġi li għalih riedet tirreferi d-difiża in kwantu l-preskrizzjoni tal-azzjoni in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat huwa l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

---

[9] A fol. 57 tal-proċess.
[10] A fol. 59 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 53 sa 61 tal-proċess.

(3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċedi-ment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –

(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew

(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,

skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.

Dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu appena ċitat, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tas-17 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Alan Axiaq**, ingħad hekk:

**8.** Dwar dawn it-termini stabbiliti f'dan l-artikolu din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fil-kawża **Il-Pulizija v Carmelo Cassar**[12] ġia stabbiliet li l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju tal-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u b'hekk, anki wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit. Ġie wkoll ritenut f'dik is-sentenza li l-artikolu 3(1) imsemmi jidderoga għat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali, fuq il-preskrizzjoni, limitatament għall-istadju li jirrigwarda l-inizju tal-azzjoni kriminali, u mhux għal dak tal-kors tal-istess azzjoni b'tali mod li ż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, wara l-inizju tal-proċediment baqa' regolat bl-artikolu 683 - illum 688 – tal-Kodiċi Kriminali.

**9.** Jidher li ma hux kontestat li t-terminu ta' preskrizzjoni li jolqot l-inizju tal-azzjoni kriminali f'dan il-każ huwa dak previst fil-paragrafu (a) tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 u ċioe dak ta' sitt xhur, anki fid-dawl ta' dak li ġie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v Karl Bonnici**[13].

**10.** Fejn l-appellant ma jaqbilx mal-ewwel Qorti huwa fejn din irriteniet li għall-finijiet tal-artikolu 3(3) msemmi il-proċediment ta' llum "sar", fis-sens ta' dak is-subinċiż, meta ġew intavolati fir-reġistru tal-Qorti fil-5 ta' Settembru 2011 u ċioe' fid-data tal-preżentata fl-istess reġistru tat-taħrika kontra l-imputat bil-preżentata tat-taħrika fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati. L-appellant, minn naħa tiegħu, jsostni li l-proċediment

[12] App. Krim. 8/1/1957, XLI.iv.1214
[13] App. Krim. 4/6/2008

għandu jiġi ritenut li "sar" man-notifika tat-taħrika lilu fil-11 ta' Marzu 2012 meta allura l-inizju tal-azzjoni kienet ġia preskritta.

**11.** L-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju. It-termini previsti fl-artikolu 3, kif ġia ritenut fis-sentenza msemmia **il-Pulizija v Carmelo Cassar**, huma termini speċjali ta' preskrizzjoni li jolqtu l-inizju tal-azzjoni kriminali u sa daqstant - u mhux aktar minn daqstant - jidderogaw mir-regoli ġenerali tat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali. Il-preskrizzjoni tiġi kompjuta bis-sempliċi dekors taż-żmien sakemm dak id-dekorriment ta' żmien ma jiġix sospiż jew interrott skont il-liġi. Anki qabel l-emendi tal-2002 il-Kodiċi Kriminali kien ġia jipprovdi[14] li sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta ma kienx biżżejjed il-preżentata ta' att tal-proċediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkużata iżda kien meħtieġ <u>in-notifika</u> ta' dak l-att ta' proċediment[15]. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa <u>n-notifika</u> tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża. Għalhekk, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-inizzju tal-azzjoni previst fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma ġiex interrott bil-preżentata tat-taħrika fil-5 ta' Settembru 2011 iżda biss bin-notifika tal-istess taħrika lill-appellant li jirrżulta li saret fil-11 ta' Marzu 2012 (riferta fol. 8), u ċioe' aktar minn sitt xhur mid-data li fih sar ir-reat allegat. L-azzjoni kriminali għar-reati bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 fit-tielet u fir-raba' imputazzoni markati (c) u (d) fit-taħrika hija għalhekk preskritta. Dan l-aggravju qiegħed għaldaqstant jiġi milqugħ.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi f'dan il-każ l-allegat reat seħħ fit-3 ta' Ġunju 2012 (u fix-xhur ta' qabel din id-data), u illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Diċembru 2012. L-ewwel dehra tal-imputat quddiem din il-Qorti mbagħad seħħet nhar l-14 ta' Mejju 2013.

Minkejja illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet ser tirregola ruħha dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mid-difiża, dan baqgħet m'għamlitux, bir-riżultat li baqgħet ma esebietx l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat. Biss il-Qorti tosserva illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni eżattament mal-iskadenza ta' sitt xhur u għalhekk huwa bil-wisq improbabbli illi l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna f'dan it-terminu, kif tipprevedi l-liġi fl-Artikolu 3(3)(a) tal-Kap. 104, b'mod partikolari meta wieħed iqis illi l-ewwel seduta appuntata sabiex jintema' l-każ odjern kienet fl-14 ta' Mejju 2013.

---

[14] Art. 693(1) tal-Kodiċi Kriminali

[15] Salv sitwazzjonijiet partikolari li ma jagħmlux għall-każ odjern fosthom dawk previsti fl-artikolu 693(2)

Fi kwalunkwe każ, fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici**, fejn l-appellant kien eċċepixxa b'suċċess il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' riferti fl-atti li setgħu jindikaw id-data meta l-appellant ġie notifikat sabiex jidher quddiem l-ewwel Qorti, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ewwel data li fiha kien deher l-appellant in konnessjoni ma' dak il-każ. Fir-rigward tal-ewwel dehra tiegħu, il-Qorti qieset illi:

> "quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza."

F'dan il-każ, bħal każ ċitat, fin-nuqqas ta' riferti li juru meta ġie notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna l-imputat odjern, l-unika data li l-Qorti tista' torbot magħha, għall-fini ta' notifika, hija l-ewwel seduta li fiha deher l-istess imputat f'dawn il-proċeduri, ossia dik tal-14 ta' Mejju 2013, fejn allura bħal fil-każ ċitat, l-imputat kien qiegħed jikkonferma n-notifika tiegħu u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Sa dakinhar kien lahaq għadda l-perjodu tal-preskrizzjoni ta' sitt xhur indikat fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre la darba l-allegat reat seħħ fit-3 ta' Ġunju 2012 u mill-atti huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni kienet taf li seħħ, jekk mhux dakinhar, tal-inqas ftit tal-jiem wara meta l-imputat baqa' ma marx b'dokumenti sodisfaċenti rigwardanti l-polza minkejja li, kif jgħid l-Ispettur Fenech, huwa kien ġie rilaxxjat għal dan il-għan, l-azzjoni dwar l-istess reat tfalli wkoll fit-termini tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu appena ċitat, in kwantu skorrew it-tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni saret taf bl-allegat reat. Dan huwa evidenti mill-fatt illi, kif ingħad, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2012. Hawnhekk il-Qorti tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni, kif ingħad, baqgħet ma ġabet l-ebda prova sabiex ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mid-difiża.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi fit-termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104, l-azzjoni in kwantu r-reat ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni hija preskritta u l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-istess reat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fit-tieni lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-3 ta' Ġunju 2012, liema stqarrija kif

ingħad ġiet rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata l-jedd illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel illi ma jeżerċitahx.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi huwa ma kienx assistit waqt l-interrogatorju tiegħu. Dwar dan, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tinnota illi fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata bil-jedd illi tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, liema jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala nieqsa minn valur probatorju. Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, oltre illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-istqarrija hija proprju l-unika prova fl-atti in sostenn tal-ewwel imputazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in kwantu rrefera għall-kontenut tal-istqarrija tal-istess imputat. Il-Qorti lanqas ma hija sejra tieħu konjizzjoni tat-tweġibiet tal-imputat in kontro-eżami fejn saritlu referenza mill-Uffiċjal Prosekutur għall-istqarrija rilaxxjata minnu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina u dan b'referenza għat-3 ta' Ġunju 2012 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi t-tfittxija illi saret fuq il-persuna tal-imputat nhar it-3 ta' Ġunju 2012 irriżultat fin-negattiv, kif irriżultat

fin-negattiv ukoll it-tfittxija fil-vettura AAJ 047, salv għall-kwistjoni tal-liċenzja tal-istess vettura.

Il-Qorti tinnota illi ma jidhirx illi qed jiġi allegat illi d-droga li nstabet fl-appartament ta' Grazio Calleja, kienet fil-pussess tal-imputat. Għalkemm PS 1086 Johann Micallef jixhed illi Calleja indika lill-Pulizija illi l-kamra tas-sodda fejn instabet is-sustanza suspettata droga kienet tintuża mill-imputat, Calleja baqa' ma ttellax bħala xhud mill-Prosekuzzjoni u lanqas ma nġabet xi prova tan-ness bejn l-imputat u s-sustanza misjuba fil-kamra in kwistjoni. Il-fatt illi nstabu xi dokumenti fil-gwardarobba li jgħajjtu lill-imputat mhuwiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit, fil-grad rikjest mil-liġi, illi s-sustanza misjuba fl-istess gwardarobba u fil-kamra tas-sodda kienu fil-pussess tal-imputat. In oltre s-sustanza in kwistjoni baqgħet ma ġietx esebita f'dawn il-proċeduri. Iżjed minn hekk, il-Qorti tosserva illi waqt il-kontro-eżami tal-imputat, l-Ispettur Johann J. Fenech irrimarka illi "*Fuq l-akkuzi li ghandek dwar drogi, nikkonferma li jien dakinhar fuqek ma sibtlek xejn pero kont ghidtli li kont ilek tabbuza mill-cocaine u b'hekk tajtek l-akkuza jiena*"[16], li jfisser allura illi l-ewwel imputazzjoni ġiet addebitata lill-imputat fid-dawl ta' dak li huwa stqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnu.

Il-Qorti tqis ukoll illi apparti illi l-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni tat-tweġiba tal-imputat wara r-referenza tal-Uffiċjal Prosekutur għall-istess stqarrija, iżjed tard fix-xhieda tiegħu, fuq domanda tal-avukat difensur, l-imputat jgħid ukoll illi huwa kien qal lill-Ispettur "*li jien qabel kont niehu d-droga. Sitt snin qabel.*" L-akkuża dwar il-pussess tad-droga kokajina tirreferi għal perjodu partikolari u ċioe` għall-jum tat-3 ta' Ġunju 2012 u għax-xhur ta' qabel din id-data u għalhekk dak li jixhed l-imputat ma jaqax fil-parametri taż-żmien ta' din l-imputazzjoni.

Għalhekk la darba skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbagħad l-imputat ġie akkużat talli saq il-vettura BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 mingħajr liċenzja tas-sewqan jew mingħajr liċenzja tat-triq fuq l-istess vettura jew talli saq b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-imputat qed jiġi akkużat talli saq vettura li ma kellhiex liċenzja sabiex tinstaq fit-triq. Dan ir-reat huwa ravviżat taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tolqot direttament lill-persuna li tkun qiegħda ssuq vettura li ma tkunx koperta bil-liċenzja.

---

[16] A fol. 57 tal-proċess.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur f'dawn il-proċeduri, illi filwaqt illi l-ewwel huwa jgħid illi kienet Antonella Vella li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni, iżjed tard huwa jikkoreġi l-istess xhieda u jgħid illi fil-jum in kwistjoni, il-vettura kienet misjuqa mill-imputat odjern. Dwar dan il-Qorti tqis illi fl-ewwel lok ma jirriżultax mix-xhieda tal-Ispettur Fenech illi huwa kien preżenti għal dak li seħħ nhar it-3 ta' Ġunju 2012, u għalhekk ix-xhieda tiegħu tibqa' *detto del detto* u fit-tieni lok, ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti fuq il-post ma xehed illi ra lill-imputat odjern isuq l-istess vettura. Proprjament ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija ma jixhed illi ra l-vettura tasal fuq il-post jew dwar min kien qed isuq l-istess vettura. Jirriżulta biss illi fil-kors tal-investigazzjoni li kienet għaddejja, waqt tfittxija fl-istess vettura, PC 760 Christopher Saliba innota illi l-*license disc* fuq il-*windscreen* tal-vettura ma kinitx taqbel mal-istess vettura u għalhekk waslu għall-konklużjoni illi din ma kellhiex liċenzja għat-triq. Dan ġie kkonfermat ukoll mir-rappreżentant tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, li jgħid illi l-vettura, li dak iż-żmien kienet reġistrata fuq Anthony Tanti għan-nom ta' Topper Auto Dealer, skadiet fil-31 ta' Jannar 2012 u baqgħet ma ġietx imġedda sa dakinhar tax-xhieda tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu l-imputat jibda billi jgħid illi dakinhar tat-3 ta' Ġunju 2012 huwa mar il-Fgura għaliex kien miftiehem li ser jgħaddi għal Grazio Calleja u jwasslu ċ-ċentru tad-Detox ġewwa Gwardamangia. L-imputat ma jiċħadx li kien qiegħed isir użu mill-imsemmija vettura fil-jum in kwistjoni u jikkonċedi li l-vettura ma kinitx koperta b'liċenzja għat-triq. Jgħid madankollu illi dakinhar ma kienx hu li kien qiegħed isuq, iżda s-sieħba tiegħu Antonella Vella. Kif ingħad, ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti fuq il-post ma jixhed dwar min kien qed isuq il-vettura u għalhekk l-imputat jibqa' mhux kontradett.

Il-Qorti tinnota illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi mhux biss għall-jum tat-3 ta' Ġunju 2012, iżda wkoll għax-xhur ta' qabel din id-data. Fix-xhieda tiegħu l-imputat jgħid illi huwa akkwista l-vettura in kwistjoni jumejn qabel l-arrest tiegħu dakinhar tat-3 ta' Ġunju 2012. Madankollu ma jirriżultax illi l-imputat kien qed isuq din il-vettura f'dawn il-jiem. Ma sar l-ebda aċċenn għal dan waqt ix-xhieda in eżami u in kontro-eżami tal-istess imputat.

Għaldaqstant, it-tieni imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputat bħala reċidiv. Madankollu la darba m'hijiex qed tinstab reita` fl-imputat in kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u la darba l-azzjoni dwar it-tielet imputazzjoni kienet preskritta, ma jistax jirriżulta illi l-imputat kien reċidiv.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Stephen Borg** mhux ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qegħda tiddikjara l-azzjoni dwar it-tielet imputazzjoni bħala preskritta u għaldaqstant qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwar l-istess.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat